# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2018 NUMRU 12

## "Żakkarija, Ġwanni, Ġesù u Elija, kollha mill-ġusti."



Il-Mezzi għall-Paċi | Ġesù fil-Koran | Laqgħa Interreliġjuża | Messaġġ tal-President

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-MEZZI GĦALL-PAĊI DINJIJA

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], ippreżenta prinċipju bażiku u fundamentali tar-rispett lejn ir-reliġjonijiet u l-Messaġġiera kollha, bħala prinċipju mbierek tassew; u b'dan il-prinċipju tista' tinkiseb il-paċi fid-dinja. Huwa qal:

"Alla informani li mir-reliġjonijiet li nfirxu u li huma stabbiliti sew fid-dinja permezz tal-Profeti, billi għandhom influwenza fuq parti sew mid-dinja u rnexxielhom jibqgħu jeżistu u jakkwistaw ħajja twila, l-ebda wieħed mhu falz fl-oriġini tiegħu. L-ebda Profeta ma kien falz lanqas, għax hi l-prattika eterna ta' Alla li profeta falz li jigdeb kontra Alla – mhux mibgħut minn Alla u jipprova jiffalsifika l-affarijiet kontrih – qatt ma jipprospera...

B'hekk, dan il-prinċipju hu verità aħħarija u benedizzjoni bla tmiem, u bis-saħħa tiegħu tqiegħdu l-pedamenti tal-konċiljazzjoni. Dan għax bih naffermaw il-veritudni ta' dawk il-profeti li r-reliġjon tagħhom hi stabbilita sew, irnexxielha tibqa' teżisti minkejja l-mogħdija taż-żmien u għandha miljuni ta' segwaċi fi ħdanha. Dan hu prinċipju mbierek tassew. Li kieku d-dinja kellha timxi fuq dan il-prinċipju fundamentali jiġu eliminati għalkollox l-eluf ta' dagħwiet li jintqalu u d-diżordnijiet kollha."[1]


## ID-DAWL

Diċembru 2018 – Numru 12 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

**Il-Qoxra:** Andrew Mayovskyy | Shutterstock.com


**1.** *Tohfa-e-Qaisarya, Ruhani Khażain*, Vol. 12, P. 256 - 257

# ĠESÙ FIL-KORAN IMQADDES

Il-Musulmani għandhom imħabba u rispett kbir lejn Ġesù. Huwa parti integrali mis-sisien fundamentali tat-twemmin Iżlamiku li mhux biss jitqies bħala att ta' korteżija, iżda li wieħed jemmen ġenwinament fil-verità u l-unur tal-messaġġiera kollha ta' Alla, inkluż Buddha, Krishna, Mosè, Ġesù, u Muħammad, il-paċi tkun fuqhom ilkoll. Il-Koran Imqaddes isostni:

"Għidu: 'Aħna nemmnu f'Alla, u f'dak li ġie muri lilna, u f'dak li ġie muri lil Abraham, u lil Ismagħel, u lil Iżakk, u lil Ġakobb, u lit-tribujiet, u f'dak li ngħata Mosè u Ġesù, u f'dak li ngħataw il-Profeti minn Sidhom. Aħna ma nagħmlux distinzjoni bejn ħadd minnhom, u aħna f'Idejh intlaqna.'" (Il-Koran Imqaddes - 2:137)

Il-Koran Imqaddes jiddikjara li Ġesù (il-paċi tkun dejjem fuqu) twieled b'mod mirakoluż mid-devota verġni Marija, u huwa xhieda kostanti tas-safa u tal-karattru nobbli tagħha. Il-Koran Imqaddes jagħti prestiġju kbir lil Marija u jirrifjuta kull akkuża miġjuba lejha. Jistqarr ukoll li omm Ġesù kienet mara twajba ħafna u li x-Xitan ma kellu l-ebda sehem fit-twelid ta' Ġesù.

Il-Koran Imqaddes jitkellem apertament dwar id-dedikazzjoni, il-pjetà, in-nobbiltà, u l-ħniena ta' Ġesù. Il-Koran Imqaddes jgħid:

"U lil Ġesù bin Marija tajnieh sinjali ċari u qawwejnieh b'Ruħ il-Qodos (l-Anġlu Gabrijel)." (2:88 u 2:254)

"U Żakkarija, Ġwanni, Ġesù u Elija, kollha mill-ġusti, u Ismagħel, Eliżew, Ġona u Lot; kollha ppreferejniehom mill-oħrajn." (6:86-87). "Dak huwa Ġesù bin Marija. Dan huwa kliem is-sewwa li huma jiddubitaw." (19:35)

"Tassew, il-Messija Ġesù bin Marija ma kienx għajr il-mibgħut ta' Alla u twettiq tal-kelma Tiegħu li nissel f'Marija, u grazzja mingħandu." (4:172)

"Qal (Ġesù): 'Jien tabilħaqq il-qaddej ta' Alla! Huwa tani l-Ktieb u għamilni Profeta. Huwa għamilni mbierek, kull fejn inkun.'" (19:31-32)

# IT-TIENI JALSA SALANA MALTA 2018
## (IL-KONVENZJONI ANNWALI)

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta organizzat it-Tieni Jalsa Salana (il-Konvenzjoni Annwali) il-Ħadd, 2 ta' Diċembru 2018, fiċ-Ċentru Familja Mqaddsa, l-Imsida, Malta.




Il-Konvenzjoni kienet maqsuma f'żewġ sessjonijiet. Fl-ewwel sessjoni kienu mistiedna l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Saru diskorsi fuq temi differenti u l-parteċipanti kienu infurmati u mħeġġa biex jonoraw id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom kemm bħala membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana kif ukoll bħala ċittadini.

Messaġġ speċjali mingħand il-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (jalla Alla jkun l-Ajjutant tiegħu) inqara waqt il-konvenzjoni.

Fil-messaġġ tiegħu l-Qdusija Tiegħu għamel enfasi fuq 'l-importanza tat-tħabrik kontinwu biex inkunu Musulmani Ahmadi onesti' u stqarr:



Ḥaḍrat Mirza Masroor Ahmad
Khalīfatul Masīḥ V

"Jiena nħeġġiġkom biex tirriflettu l-ħin kollu u ttejbu lilkom infuskom; iżżidu kontinwament it-tjubija u l-onestà tagħkom; iġġibu ruħkom bl-aqwa mod f'kull għemil u azzjoni li twettqu; kunu ġenerużi, rispettużi u qalbkom tajba mal-ħlejjaq kollha t'Alla speċjalment mal-proxxmu tagħkom; u kunu dejjem Musulmani Ahmadi eżemplari."

Huwa qal, f'dan ir-rigward, li l-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, kien fisser:

"L-għan tad-dħul tagħhom fil-Moviment u t-twaqqif ta' relazzjoni miegħi bħal dik ta' dixxiplu huwa biex huma jiksbu livell għoli ta' devozzjoni u sens ta' ġustizzja. L-ebda għemil ħażin jew ta' ħsara m'għandu jersaq qribhom. Għandhom jgħidu l-ħames Talb ta' kuljum b'mod regolari, u anki flimkien mal-kongregazzjoni, u m'għandhomx jigdbu jew iweġġgħu lil xi ħadd bi lsienhom. M'għandhom ikunu ħatja tal-ebda tip ta' vizzju, u m'għandhom iħallu lanqas l-inqas ħsieb ta' ħsara, ħażen jew trasgressjoni jgħaddi minn moħħhom. Għandhom iwarrbu minn kull tip ta' dnub, offiża, diskors u għemil mhux xieraq, kif ukoll mill-passjonijiet egoistiċi kollha u mġiba indixxiplinata. Għandhom ikunu safja mill-qalb, qaddejja ġwejda u umli ta' Alla Omnipotenti, u l-ebda mikrobu valenuż m'għandu jimraħ f'ruħhom."

*(Majmu'ah Ishtiharat, vol. 3, pp. 46)*



# LAQGĦA INTERRELIĠJUŻA

Matul il-Konvenzjoni Annwali 2018, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana organizzat **'Laqgħa Interreliġjuża'** biex turi l-importanza tal-armonija u t-tolleranza reliġjuża. It-tema ta' din is-sena tal-laqgħa interreliġjuża kienet **'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd'**. U biex jiġi enfasizzat dan il-messaġġ uniku ta' mħabba, mogħdrija u rispett, il-parteċipanti kollha tal-konvenzjoni annwali kienu liebsa beġis bil-messaġġ 'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd', bħala turija ta' armonija, unità, paċi u fraternità. Il-beġis kienu magħmula mill-kulur aħmar u abjad – il-kuluri tal-bandiera Maltija – biex iwasslu aktar il-messaġġ ta' unità u lealtà. Din il-laqgħa kienet indirizzata mill-Imam Haider Ali Zafar, Viċi President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fil-Ġermanja, l-Onor. Ivan Bartolo, Membru tal-Parlament, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, Sindku tal-Imsida, ir-Rev. John Anthony Berry, Segretarju tal-Kummissjoni Djoċesana għad-djalogu interreliġjuż, ir-Rev. Kim Hurst tal-Knisja Skoċċiża ta' San Andreas, u l-Imam Laiq Ahmed Atif, President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.

# MESSAĠĠ TAL-PRESIDENT TA' MALTA

L-Eċċellenza Tagħha, Marie-Louise Coleiro Preca, il-President ta' Malta, ġenerożament bagħtet messaġġ awdjoviżiv għal din il-konvenzjoni. L-Eċċellenza Tagħha qalet:

"Inħossni kuntenta li se naqsam magħkom xi ftit riflessjonijiet matul il-Laqgħa Interreliġjuża li qed tiġi organizzata fit-tieni Konvenzjoni Annwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta. Ħalli nieħu wkoll l-opportunità biex infaħħar lill-Komunita Ahmadiyya Musulmana f'Malta għall-impenn tagħha biex tkompli tistabbilixxi l-paċi permezz tar-rispett. Meta nirrispettaw lil xulxin inkunu qed nagħtu importanza lill-valuri tal-kooperazzjoni u tal-kollaborazzjoni li huma kontributuri kruċjali biex id-demokraziji jissaħħu u jsiru aktar inklussivi. Il-promozzjoni ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet hija essenzjali biex jinkiseb dan l-għan. Id-djalogu jassigura l-iżvilupp tant meħtieġ għall-oqsma soċjali, ekonomiċi, u ambjentali tal-pajjiżi tagħna.



Jiena nemmen li d-drawwiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-fidi jikkontribwixxu għall-familja umana tagħna speċjalment għall-aktar membri vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna. Ir-reliġjon tgħaqqadna f'dan l-impenn intrinsiku li nikkontribwixxu b'mod pożittiv lejn l-umanità. Id-drawwiet reliġjużi kollha tagħna għenu lill-foqra joħorġu mill-prekarjat, biex ingħata l-ikel lill-imġewħin, biex ingħatat il-kura lill-morda u lil dawk fi tbatija, biex ġie provdut aċċess għall-edukazzjoni, u biex ingħatat attenzjoni lill-barranin li jkollhom bżonn l-għajnuna.

Jiena konvinta li l-komunitajiet tagħna jistgħu jiksbu ħafna aktar meta nfittxu dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna. Għaldaqstant, jiena nemmen li għandna bżonn inħabirku biex nippromwovu u nagħmlu d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet bħala proċess fis-soċjetajiet tagħna. Il-ħolqien ta' dan it-tip ta' djalogu bejn nies differenti minn reliġjonijiet differenti huwa fattur essenzjali biex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun Ewro-Mediterranju tagħna u għall-futur ta' paċi u prosperità għad-dinja tagħna.

Jiena nemmen li n-nies ta' fidi għandhom irwol importanti fis-soċjetà għax huma l-protetturi tad-dinjità umana u l-messaġġiera tal-paċi, tar-rispett u tal-imħabba. Jiena nawgura li jkollkom sessjoni produttiva u nkun qed nistenna r-riżultati tal-riflessjonijiet tagħkom."

# ID-DONAZZJONI TA' WHEELCHAIRS



Ritratt: OPR-Malta

Għaxar wheelchairs (siġġijiet tar-roti) ġew ippreżentati lill-Fondazzjoni Malta Community Chest Fund mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.

Il-preżentazzjoni saret lill-**Eċċellenza Tagħha, Marie-Louise Coleiro Preca, il-President ta' Malta** mill-Imam Laiq Ahmed Atif, president tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.

Il-Fondazzjoni Malta Community Chest Fund hija organizzazzjoni filantropika li taħdem taħt l-awspiċi tal-President ta' Malta. Il-Fondazzjoni tgħin lill-individwi u entitajiet biex itejbu s-saħħa, il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri tan-nies fi żmien ta' bżonn.

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**